MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2014

Numru 927/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Daniel Nikolic**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Daniel Nikolic,

akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer, nhar is-26 ta' Settembru 2014 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

a) Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Passaport jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport li hu kien jaf li gew iffallsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f'isem Daniel Nikolic bin-numru 007895562 (Kapitolu 61, Sezzjoni 5 tal-Ligijiet ta' Malta);

b) Akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg ghalih jew beneficcju ghalih inniffsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz fid-dokumenti fuq imsemmija (Kapitolu 9, Sezzjoni 188 tal-Ligijiet ta' Malta);

c) Akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kapitolu 9, Sezzjoni 189 tal-Ligijiet ta' Malta);

d) Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kapitolu 217, Sezzjoni 32(1d) tal-Ligijet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-ezami tieghu ai terminin tal-Artikoli 370(A), 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u rregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha.

Il-Qorti semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, l-fedina penali tieghu li hi wahda netta u li l- Prosekuzzjoni mhux qed tinsisti dwar piena ta' prigunerija effettiva.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217, l-Artikoli 7 u 188 tal-Kapitolu 9 u Artikolu 5 tal-Kapitolu 61, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' seba' (7) xhur prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi sospiza ghal zmien sentejn mil-lum.

In vista tad-dikjarazzjoni tal-Ufficcjal Prosekutur illi t-tielet imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghat-tieni imputazzjoni, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-hati fi kliem semplici bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkometti reat iehor punibbli bi prigunerija, matul il-perjodu operattiv ta-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------